MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 7 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 27

It-Tnejn, 10 t'Ottubru, 2016

Il-Kunsilli Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjorina Leanne Grech (LG) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Herman Schiavone (HS) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Amanda Vella | Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ |
| Membri tal- Pubbliku: | Tnejn (2) |

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Nil

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Joseph Cutajar ippresjeda l-laqgħa.

Il-Kunsillier HS, talab sospensjoni tal-Aġenda biex jiġi diskuss id-dħul tat-tanker tal-gass li daħal dakinhar ġewwa Marsaxlokk, u li fl-opinjoni tiegħu hija materja importanti minħabba li ser taffettwa lir-residenti ta' Birżebbuġa.

Is-Sindku informa li l-Kunsillier HS għandu kull dritt iressaq din għad-diskussjoni taħt materja oħra tista' tiġi diskussa taħt materji oħra.

Il-Kunsillier JB oġġezzjona li din il-materja m'għandiex tiġi diskussa la mhux fuq l-aġenda.

Il-Kunsillier HS talab li jekk ma tiġix diskussa illum, issir laqgħa b'urġenza jew il-laqgħa tal-Kunsill issir l-eqreb possibbli sabiex tiġi diskussa l-materja.

Il-Kunsillier HS ressaq mozzjoni, issekondata mill-Kunsillier SZ, sabiex tiġi sospiża l-aġenda u jiġi diskuss id-dħul ta-tanker tal-gass ġewwa Marsaxlokk. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur 2 - (HS, SZ)
Kontra 4 - (JC, JB, JBD, LG)
Astensjonijiet 0

## 27.1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti

27.1.1. Is-Sindku JC ressaq il-minuti tal-ħamsa u għoxrin (25) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

27.1.1.1. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 2.2 u talab li kelma "staqsiet" tiġi sostitwita bil-kelma "staqsa". Il-Kunsill qabel unanimament.

27.1.1.2. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 4.7.2, u talab li l-kelma "mal" tiġi sostitwita bil-kelma "bħal". Il-Kunsill qabel nem con

27.1.1.3. Il-Kunsillier JB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier SZ favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija f'1.1. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

**NB: 5.44pm - Il-Kunsillier HS talab li jkun skużat.**

Favur - (JB, SZ, JC, JBD)
Kontra - 0
Astensjonijiet – 1 (LG)

27.1.1.4. Konsegwentement ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill mis-Sindku JC u mis-Segretarju Eżekuttiv SF.

27.1.2. Is-Sindku JC ressaq il-minuti tas-sitta u għoxrin (26) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

27.1.2.1. Il-Kunsilliera LG ressqet mozzjoni issekondata mill-Kunsilliera JBD favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija f'1.2. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur - 5 (LG, JBD, JC, JB, SZ)
Kontra - 0
Astensjonijiet – 0

27.1.2.2. Konsegwentement ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill mis-Sindku JC u mis-Segretarju Eżekuttiv SF.

**NB: 5.52pm - Il-Kunsillier HS attenda għal laqgħa.**

## 27.2 Punti Imqajjma mill-Minuti

27.2.1. Is-Sindku talab li jitqajmu punti mill-laqgħa numru 25.

27.2.2. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 2.3.3, li tirrigwarda il-pont tal-*lighthouse* tal-Bajja s-Sabiħa.

27.2.2.1. Huwa rrimarka li tajjeb li l-Kunsill jaħdem fuq din il-materja minn issa, sabiex ikun lest għas-sajf li ġej.

27.2.2.2. Il-Kunsilliera LG fakkret ukoll li marbut ma din il-materja hemm l-fattur tal-ilma qiegħed fejn l-istess pont.

27.2.3. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 4.9.1 u staqsa jekk is-Sur Roderick Ebejer ġiex ikkuntattjat u ġewx mitluba s-suġġerimenti tal-parkeġġ

27.2.3.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-korrispondenza relevanti intbagħtet iżda ma kienx hemm suġġerimenti mibgħuta lura.

27.2.4. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 4.11.3 li tirrigwarda l-ispazju ta' *Loading and Unloading* speċifika għall-ħwienet tal-laħam.

27.2.4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li saret ir-riċerka, fejn irriżulta li tali ħwienet mhumiex intitolati. Huwa żied jgħid li saret ukoll talba lil *Transport* Malta sabiex jiżdied spazju simili fi Triq iż-Żurrieq, iżda tali talba ma ġietx milqugħa minħabba li hemm spazju simili eżistenti inqas minn 50 metru l-bogħod.

27.2.4.2. Is-Sindku JC issuġġerixxa li hekk kif jingħataw id-derogi, il-Kunsillier inkarigat għandu jagħmel studju relevanti għal-din iż-żona, u jressaq proposti.

27.2.5. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 13.1 u fakkar li ħdejn il-grawnd tal-futbol hemm żona li għada mhux kompluta, eżattament fil-parti li tħares lejn il-wied.

27.2.5.1. Il-Kunsillier SZ irrimarka li huwa bagħat tali ilment lil Perit Edric Micallef, iżda ma rċeviex risposta.

27.2.6. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 13.2, li tirrigwarda ż-żbir tas-siġar fi Ġnien il-Kunsill, u dan sabiex ma jinkisrux il-globi biċ-ċaqliq tal-friegħi.

27.2.6.1. Is-Sindku JC informa li preżentement, huwa qed idur mal-kuntrattur tal-ELC biex isir ix-xogħol meħtieġ.

27.2.7. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għal–materja 18.2 li tirrigwarda possibbiltà ta materja legali fir-rigward tal-ħsara li saret mill-kumpanija *Shell* minħabba ħruġ ta żejt.

27.2.7.1. Is-Segretarju informa li hu kien infurmat mill-ex-Sindku KB, li huwa kien informa lil Avukat Dr F. Debono, madankollu ma kellux risposta fuq tali proposta tal-Kunsill.

27.2.8. Is-Sindku talab li jitqajjmu punti mil-laqgħa numru 26, iżda ma kienx hemm punti mqajjma.

## 27.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku.

27.3.1. Is-Sindku JC informa li rċieva talba sabiex il-*Bring-in-Site* ta' Triq il-Port Ħieles, kantuniera ma' Triq il-Kartaġiniżi, tiġi rilokata għal Triq Belle Isle ma' Triq tal-Papa.

27.3.1.1. Is-Sindku ippropona li jsiru żewġ *skips* dedikati għal kartun f'Misraħ tal-Pajtier, u f'Misraħ is-Summit. Il-Kunsill qabel.

27.3.1.2. Is-Sindku talab li min ser ikollu d-dekasteru, idur is-siti kollha, u jsir eżerċizzju, fejn possibbilment dawn jiċċaqalqu u jitpoġġew f'żoni li ma jaffetwawx fin-negattiv lir-residenti.

27.3.1.3. Il-Kunsillier JB irrimarka li għalkemm dawn jistgħu ikunu ta' inkonvenjent, fejn in-nies jarmu anke skart goff magħhom, tal-inqas il-Kunsill għandu kontroll ta' rimi ta' skart illegali, għax għallinqas tali rimi fejn il-bring in site, huwa miġbur f'żona.

27.3.2. Is-Sindku JC qal li ġiet imwaqqfa l-istruttura li għanda s-servi ta' bank għall-ħwejjeġ użati. Huwa informa li wara konsiderazzjoni ġie deċiż li din titpoġġa fi Triq Żarenu Dalli, sabiex ikun hemm iktar kontroll u użu aħjar ta dan il-bank. Huwa informa li ser isiru iktar tabelli informattivi fuq l-istruttura.

27.3.3. Is-Sindku JC qal li x-xogħol fl-uffiċċju amministrattiv dejjem jiżdied, u fakkar li sabiex jingħata servizz tajjeb, ġiet impjegata persuna *part-time* fix-xhur li għaddew. Madankollu, minħabba li din il-persuna taħdem fuq bażi *part-time*, u l-uffiċċju jagħlaq għan nies fit-3.00pm, mhux qed ikun hemm ħin biżżejjed għall-impjegata l-oħra li sservi fil-Customer Care sabiex tagħlaq ir-rendikont tal-ġurnata, kif ukoll biex taħdem ix-xogħol relatat mal-attivitajiet. Għaldaqstant huwa issuġġerixxa li l-uffiċċju jibda jagħlaq għan-nies iktar kmieni, siegħa qabel. Il-Kunsill qabel unanimament.

27.3.4. Is-Sindku JC qal li fix-xhur li għaddew il-Kunsill qabel li s-servizz ta' tindif tal-uffiċċju ta nofs il-ġimgħa isir darba fil-ħmistax, madankollu, wara diskussjoni mas-Segretarju u wara li saret prova, ġie nnotat li tali servizz kif propost ma ħalliex

riżultati pożittivi, u għaldaqstant huwa issuġġerixxa lis-servizz isir kif kien qabel. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 27.4 Korrispondenza.

27.4.1. Permezz ta' e-mail, Ċirkulari 16/2016 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, datata 24 t'Awwissu, li titratta Ħatra ta Deputat Segretarju Eżekuttiv.

**NB: Il-Kunsillier JB talab li jkun skużat**

27.4.1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv innomina żewġ Segretarji Eżekuttivi li huma tal-fiduċja tiegħu, u li huma disponibbli, għall-għażla tal-Kunsill.

27.4.1.2. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel unanimament favur in-nomina ta Duncan Hall, ġaladarba huwa kien diġà jokkupa il-kariga ta Aġent Segretarju Eżekuttiv fi ħdan l-istess Kunsill.

27.4.1.3. Is-Segretarju irrimarka li huwa kien jippreferi kieku l-Kunsill kien ingħata l-fakultà li jagħżel anke minn fost impjegati li jokkupaw kariga ta Assistent Prinċipal.

**NB: Il-Kunsillier JB attenda għal laqgħa**

27.4.2. Permezz ta' e-mail, Ċirkulari 19 2016 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, datata 1 ta' Settembru, li titratta Sħubija fil-*Local Action Groups (LAGs)*

27.4.2.1. Is-Sindku JC fakkar li l-Kunsill huwa msieħeb fil-Gal Xlokk.

27.4.2.2. Is-Sindku JC, fid-dawl tal-fatti li kien hemm kambjament fil-kompożizzjoni tal-Kunsill, innomina lil Viċi Sindku is-Sur Joseph Baldacchino biex ikun rappreżentant tal-Kunsill f'dan il-Grupp. Il-Kunsill qabel unanimament.

27.4.2.3. Is-Sindku informa li ser isir il-proċess mitlub fiċ-ċirkolari

27.4.3. Permezz ta' e-mail, datata 21 ta Settembru 2016, riċevuta mis-Sinjura Petrina Vella, f'isem il-*planning team*, fejn talbu sabiex jittella' villaġġ tal-Milied bejn it-3 u l-4 ta' Diċembru, fuq iz-zuntier u l-bankini tal-madwar.

27.4.3.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel dwar l-attività, bil-kundizzjonijiet ġenerali.

27.4.3.2. Il-Kunsill qabel ukoll li jikkontribwixxi għas-suċċess ta' din l-attività billi jieħu ħsieb it-tindif, proviżjoni ta' *mobile toilets*, u ġbir ta skart is-sibt fil-għaxija jew il-Ħadd filgħodu.

27.4.4. Permezz ta ittra anonima indirizzata lis-Segretarju Eżekuttiv datata 27 ta' Settembru 2016, fejn intalbet il-konsiderazzjoni li Triq il-Brolli issir direzzjoni waħda.

27.4.4.1. Il-Kunsill ma ddiskutiex il-kontenut ladarba l-ittra hija anonima.

27.4.4.2. Il-Kunsill innota li f'dik it-triq saru wkoll pjanti biex isebbħu u kien hemm xi ilmenti, għax ma jistax isir iktar parkeġġ fuq il-bankina. Il-Kunsill innota li tali ilment m'huwiex ġustifikat, għax l-ebda vettura ma tista' tiġi parkeġġata fuq bankina.

27.4.5. Permezz ta' e-mail, datata 4 t'Ottubru, riċevuta mis-Sur Roderick Ebejer, fejn bħala grupp ġdid tal-Karnival, talab l-għajnuna tal-Kunsill sabiex tiġi provduta s-sala għall-użu ta laqgħat u provi ta żfin, mingħajr kontribuzzjoni.

27.4.5.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jirrakkomanda l-użu tas-sala tal-iskola, u jekk dan ma jkunx possibbli, l-alternattiva li juża s-sala tal-Kunsill darba fil-ġimgħa

27.4.6. Permezz ta' e-mail mis-Sinjura Daniela Gouder, fejn ġie offrut xiri ta ktieb "Kun Af", li jinbiegħ €5, bi skont ta 25%.

27.4.6.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jinxtraw żewġ kopji.

27.4.7. Permezz ta' ittra mis-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa AD1990, fejn offrew li l-Kunsill jippreżenta *memento* lis-Sindku tal-Comune di Riposto, waqt attività, li tinkludi kunċert mill-istess banda, li ser issir ġewwa Riposto is-Sibt 15 t'Ottubru.

27.4.7.1. Wara diskussjoni libera il-Kunsill qabel li jippreżenta *memento* għal din l-okkażjoni.

## 27.5 Mistoqsijiet lis-Sindku

27.5.1. Il-Kunsillier HS staqsa lis-Sindku dwar possibbiltà li Triq tal-Papa tingħata ftit attenzjoni fir-rigward ta' tindif.

27.5.1.1. Is-Sindku qabel li din tidħol fil-programm tax-xogħlijiet.

27.5.2. Il-Kunsillier HS staqsa lis-Sindku dwar sewqan eċċessiv f'Wied il-Qoton, kif ukoll dwar makkinarju ta' kostruzzjoni , eżattament krejn, f'Wied il-Qoton,

27.5.2.1. Is-Sindku informa li ser jintbagħat rapport lil Pulizija fuq iż-żewġ illegalitajiet.

27.5.3. Il-Kunsilliera JBD staqsiet lis-Sindku jekk il-Kunsill kellux xi informazzjoni dwar il-proġett tal-Qajjenza

27.5.3.1. Is-Sindku JC informa li huwa jinsab infurmat li x-xogħol tal-ewwel fażi, it-triq, għandha tibda f'Ottubru, fil-waqt li t-tieni fażi, *promenade*, u tisbieħ ġenerali, ser isir f'Mejju 2017.

27.5.3.2. Il-Kunsilliera JBD staqsiet x'ser jiġri mit-Trasport Pubbliku matul il-proġett.

27.5.3.3. Is-Sindku informa li f'dan il-każ, isiru *diversions* bħalma jsiru b'mod ġenerali meta tingħalaq xi triq.

## 27.6 Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

27.6.1. Ma kienx hemm materji diskussi

## 27.7 Derogi u Responsabiltajiet.

27.7.1. Is-Sindku JC fakkar, li kif informa fil-laqgħa preċedenti, ser isir tibdil fid-derogi u r-responsabiltajiet tal-Kunsilliera. Huwa ressaq d-derogi proposti għad-diskussjoni.

27.7.2. Il-Kunsill qabel li kulħadd għandu jevalwa id-derogi proposti, u jitqassmu finalment wara li jidħol il-Kunsillier il-ġdid. Madankollu, ġie innotat, li effettivament, it-tqassim tad-derogi hija għad-diskrezzjoni tas-Sindku.

27.7.3. Is-Sindku informa li b'mod immedjat jiġi stabbilit il-Kumitat tal-Kuntratti, li ser ikun kompost mis-Sindku bħala Chairperson, Viċi-Sindku bħala Deputat Chairperson, il-Kunsilliera Leanne Grech, u l-Kunsillier Hermann Schiavone. Huwa talab li l-bord jiltaqa' b'mod immedjat sabiex jiġu konklużi u iġġudikati l-offerti pendenti.

## 27.8 Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji.

27.8.1. Is-Sindku JC ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 09/16 li ġiet iċċirkolata minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa.

27.8.1.1. Il-Kunsillier SZ talab iktar dettalji dwar il-kont tal-perit tal-Kunsill (pagament numru 3).

27.8.1.1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dan kien jinkludi: disinn tal-*skate park* u tal-bandli inklussiv, BOQ taż-żewġ proġetti, *specifications* u aġġudikazzjoni tat-tenders tal-asfaltar u tal-bankini. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ser jgħaddilu kopja tal-*invoice* dettaljata.

27.8.1.2. Il-Kunsillier SZ irrimarka li l-kont tad-dawl ta' Ġnien il-Kunsill, naqas drastikament.

27.8.1.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JB u ssekondata mill-Kunsillier SZ, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija bir-riżultat ikun favur unanimament.

27.8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kif maqbul, ser jinqalgħu il-bankijiet ta Misraħ tal-Pajtier, li huma immermrin u m'huwiex vijabbli li jitranġaw.

27.8.2.1. Huwa żied jgħid li ser jitwaħħlu 4 bankijiet bħalhom, li kienu merfugħin fil-garaxx tal-Kunsill.

27.8.2.2. Il-Kunsill qabel li dawk il-bankijiet il-ħżiena jintremew.

27.8.3. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dakinhar, il-Kunsill irċieva mill-accountant ir-rapport tat-tielet kwart tas-Sena.

27.8.3.1. Il-Kunsill qabel li d-dokument jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss, minħabba li ma kienx hemm żmien biżżejjed biex wieħed jevalwa tali rapport.

## 27.9 Siġġu Vakanti ta' Kunsillier

27.9.1. Is-Sindku JC informa li ma kienx hemm nomini għal mili ta' siġġu vakanti fil-Kunsill, sad-data tal-għeluq. Is-Sindku JC irrimarka li għaldaqstant trid issir co-option minn fost il-Kunsillieri.

27.9.2. Il-Kunsill qabel li din il-materja titpoġġa fl-aġenda tal-laqgħa li jmiss.

## 27.10 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet;

27.10.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa sad-data tal-għeluq.

## 27.11 Offerti Pubbliċi

27.11.1. Is-Sindku informa li l-membri tal-Kumitat tal-Kuntratti għandu jiltaqa' b'mod immedjat sabiex jingħalqu il-proċessi pendenti.

27.11.2. Il-Kunsill qabel unanimament, li jiġġudika l-offerti ta' Asfaltar ta' Toroq, u tal-Manutenzjoni ta' bankini, skont ir-rapport tal-bord tal-aġġudikazzjoni.

27.11.3. Il-Kunsill qabel ukoll li jinfetħu l-kwotazzjonijiet tas-CCTV u tat-trasport tal-ħaddiema assenjati mill-faċilita' korrettiva ta' Kordin. Huwa qabel li fejn applikabbli id-dokumenti jingħataw lil bniedem tekniku għal evalwazzjoni.

27.11.4. Il-Kunsill ikkunsidra d-dokument tal-offerta tal-Funtana li ser tiġi imħallsa mill-UIF.

27.11.4.1. Il-Kunsillier Stanley Zammit irrakkomanda numru ta emendi fosthom:
Isir sensor tar-riħ
Materjal ikun Stainless Steel 316 u bil-cathode protection,
Removable Nozzles sabiex ikunu jistgħu jitnaddfu
Pompa u pipework preparatorji għall irrigazzjoni.
Jitneħħa l-arloġġ tad-dawl minħabba li dan diġà disponibbli
Kollox isir skont is sengħa u l-arti

27.11.4.2. Il-Kunsill qabel ma' l-emendi proposti u approva id-dokument

27.11.5. Il-Kunsill ikkunsidra mad-dokument tal-offerta tal-Insurance, u approva d-dokument.

## 27.12 Proġetti

27.12.1. Ma kienx hemm materji diskussi.

## 27.13 Traffiku u Parkeġġ

27.13.1. Is-Sindku tkellem dwar il-proposta sabiex issir sistema ta' traffiku b'direzzjoni waħda fi Triq iż-Żurrieq, bejn Triq Prof. Anton Tabone u Triq San Ġwann.

27.13.1.1. Is-Sindku talab lil Kunsillieri HS u SZ sabiex jiddiskutu u jaħdmu fuq proposti sabiex jiġu diskussi fil-laqgħa li ġejja.

27.13.2. Is-Sindku tkellem dwar id-diversi proposti ta' sistemi ta' immaniġġjar ta' traffiku differenti, għaż-żona ta Triq il-Port Ħieles u t-toroq tal-madwar, liema proposti kienu ġew imressqa fil-laqgħa preċedenti mill-Kunsillier SZ.

27.13.2.1. Is-Sindku talab lil Kunsillieri HS u SZ sabiex jiddiskutu u jaħdmu fuq proposti sabiex jiġu diskussi fil-laqgħa li ġejja.

27.13.3. Il-Kunsillier SZ tkellem dwar il-possibbiltà ta żebra crossings fil-parti t'isfel ta' Triq il-Brolli. Huwa żied jgħid li hemm bżonn isiru tibdiliet fiż-żebra crossings inkluż dawk ta Triq Żarenu Dalli.

27.13.3.1. Is-Sindku talab lil Kunsillieri HS u SZ sabiex issir laqgħa flimkien miegħu, fejn flimkien jistudjaw u jipproponu tibdil, inkluż ċaqliq, għal dawn iż-żebra crossings u xi toroq oħra.

27.13.4. Is-Sindku informa li kien hemm diversi ilmenti rigward un/loading bay fi Triq Santa Katarina, li qed ikun hemm użu abbużiv, u li f'dik it-triq hemm problema ta' nuqqas ta' parkeġġ.

27.13.4.1. Il-Kunsill innota li rappreżentanti marru fuq l-post fejn ġie innotat li l-post fejn qegħda huwa l-post l-iktar li loġikament jagħmel sens.

27.13.4.2. Il-Kunsill qabel li dan l-ispazju għandu jitħalla fejn hu.

27.13.5. Is-Sindku JC ressaq suġġeriment li ssir mera fi Triq il-Bieqja kantuniera ma' Triq San Mikiel.

27.13.5.1. Il-Kunsill qabel unanimament

## 27.14 Indafa u Ambjent

27.14.1. Il-Kunsillier SZ irrimarka li s-servizz ta' knis, għalkemm fuq bażi ta' triq huwa tajjeb ħafna, ir-riżultat globali mhuwiex qed jilħaq l-aspettattivi, u dan jindika ċar li l-kennies mhux ilaħħaq mad-domanda.

27.14.2. Il-Kunsillier JB semma dwar il-possibbiltà li l-Kunsill jaddotta proċeduri fejn persuni jkunu jistgħu jaddottaw siġra, u b'hekk ir-resident jibda jinvolvi iktar ruħu billi jieħu ħsieb siġra tal-għażla tiegħu.

27.14.2.1. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

27.14.3. Il-Kunsillier SZ tkellem dwar it-tħawwil li qed isir permezz tal-Proġett tat tħaddir fil-lokalità, u qal li dawn il-pjanti qed jintlaqgħu tajjeb ħafna mir-residenti. Huwa issuġġerixxa li t-truf ta Misraħ tal-Pajtier, ma jibqgħux bil-paviment iżda jinfetħu u jimtlew bil-ħamrija u l-pjanti.

27.14.4. Il-Kunsilliera JBD irrimarkat li qed ikun hawn rimi ta siringi f'postijiet pubbliċi. Hija qalet li tinsab infurmata li l-pulizija mhux jiġbruhom u żiedet tgħid ukoll li l-Direttorat tat-tindif ma jiġbruhomx la qegħdin fiz-zoni ta' responsabiltà tal-Kunsill.

27.14.4.1. Is-Sindku qal li hu mhux ser jaċċetta li l-ħaddiema tal-Kunsill jagħmlu dax-xogħol, u għalhekk ser iqajjem dan il-punt mal-pulizija fil-laqgħa li għandu magħhom.

## 27.15 Ġonna, Parks u Soft Areas

27.15.1. Il-Kunsilliera JBD irrimarkat li għad ikun hemm żgħażagħ jiġru bir-roti ġewwa l-bandli, u li xi dan għad isarraf f'xi aċċident.

27.15.1.1. Is-Sindku JC irrimarka li huwa għadda l-ilment lil-Pulizija, li qed ikunu iduru il-bandli iktar regolari.

27.15.2. Il-Kunsillier JB semma li fi Triq il-Brolli xi nies għadhom jipparkjaw il-vetturi fuq il-bankini, u dan anke wara li tpoġġew diversi pjanti. Huwa ppropona li ssir iktar senjalazzjoni.

27.15.2.1. Il-Kunsillier SZ irrimarka li simili ta' dan jiġri ħdejn is-Sala tal-Kappillan , fejn iż-żebra cross, avolja ma hemmx spazji ta' parkeġġi senjalati.

27.15.2.2. Il-Kunsill innota li hija kontra l-liġi li tipparkja fuq bankina.

## 27.16 Utilitajiet u Servizzi

27.16.1. Il-Kunsill iddiskuta d-dawl li hemm fil-partijiet komuni tad-drive-in fil-blokki tal-Awtorità tad-djar, fiż-żona Tal-Papa.

27.16.1.1. Il-Kunsillier HS ikkonferma li huwa ressaq xi kuntatti ta' aġenzija li jieħdu ħsieb il-partijiet komuni lil xi sidien tal-garaxxijiet.

27.16.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv, informa li ser toħroġ l-ordni ta' xogħol lill-kuntrattur sabiex jiġi skonnetjat id-dwal tad-drive-in minn mal-Ġnien tal-Kunsill.

27.16.2. Il-Kunsill innota li xi persuni talbu li jsir dwal tat-triq fi Triq l-Għannejja fi drive-in fil-parti ta fuq tat-triq.

27.16.2.1. Il-Kunsill innota li tali drive-in hija privata, u għaldaqstant dan mhux possibbli li jsir mill-Kunsill.

27.16.3. Il-Kunsillier SZ ippropona li ssir bozza fi Triq id-Dar ta' Pultu. Il-Kunsill approva unanimament.

## 27.17 Infrastruttura

27.17.1. Il-Kunsill innota li triq tal-Ġebel għandha bżonn manutenzjoni, kemm fit-triq, fil-ħitan tas-sejjieħ, kif ukoll fit-tindif.

27.17.1.1. Il-Kunsill innota li talba għal manutenzjoni fit-triq intbagħtet lil Transport Malta. Il-Kunsill qabel li bir-riżorsi disponibbli jista' isir it-tindif neċessarju.

27.17.2. Il-Kunsill innota li Triq il-Musbieħ saret tintuża ħafna iktar, u qegħda fi stat ħażin. L-istess japplika għal Triq il-Bżulija.

27.17.2.1. Il-Kunsill qabel li ssir verifika jekk jistax isir ftit manutenzjoni.

27.17.3. Il-Kunsillier JB qal li l-Kunsill hemm bżonn li jsemma leħnu fir-rigward ta' Triq Kalafrana, u li hemm bżonn li jiġġieled biex dik it-triq ma tibqax fir-responsabiltà tal-Kunsill.

27.17.3.1. Il-Kunsill qabel li jibdew id-diskussjonijiet neċessarji.

27.17.4. Il-Kunsilleri SZ staqsa jekk hemmx xi skemi miftuħin għal irranġar ta' sqaqien, u dan sabiex jekk hu l-każ, il-Kunsill jitlob għal manutenzjoni fl-aħħar niżla ta' fejn il-Kasparell.

27.17.4.1. Is-Sindku informa li huwa jinsab infurmat li jista' jkun għad baqa' xi fondi mill-Programm tal-Unjoni Ewropeja relevanti, u għaldaqstant ser iwassal il-messaġġ biex jekk hu l-każ, issir talba għal din it-trejqa.

## 27.18 Attivitajiet

27.18.1. Il-Kunsilliera JBD ressqet għal attenzjoni tal-Kunsill lista ta' attivitajiet għax-xhur li ġejjin. Dawn kienu jinkludu:

| | |
|---|---|
| Il-Ħadd 16 t'Ottubru | – Agrituriżmu fil-Manikata |
| L-Erbgħa 16 ta' Novembru | – Palazz tal-Gvernatur |
| Il-Ġimgħa 9 ta' Diċembru | – Buffet Breakfast (San Antonio Hotel) |
| Il-Ħadd 15 ta' Jannar | – Palazz tal-Markiż |
| Frar | – Ikla ta San Valentino |
| L-Erbgħa 8 ta' Marzu | – Malta Experience / Medit. Conf. Centre |
| L-Erbgħa 26 t'April | - Forti Sant'Anġlu |
| Mejju | - Weekend Break |

27.18.2. Il-Kunsillier JB informa li l-Ħarġa ta' Jum l-Anzjan ser issir il-Ġimgħa 25 ta' Novembru.

27.18.3. Il-Kunsillier JB informa li ser issir ħarġa għall-anzjani l-Erbgħa 7 ta Diċembru 2016 fejn ser jattendu għal "The National Children's Choir", il-Belt Valletta.

27.18.4. Il-Kunsill innota li ser issir l-attività' Joys Of Gospel fit-18 ta' Diċembru 2016.

27.18.5. Is-Sindku ppropona li fit-22 u fit-23 ta Diċembru 2016, il-Kunsill jagħmel attività, fejn isir tiżjin fi Trejqet L-Iskola, u jitwaqqaf Villaġġ tal-Milied u numru ta' *bankarelli* ġewwa l-iskola, permezz ta' sponsorships.

## 27.19 Balance Sheets ta Lulju u Awwissu 2016

27.19.1. Is-Sindku JC ressaq il-*balance sheets* tax-xhur ta' Lulju u Awwissu li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

27.19.2. Is-Sindku JC ressaq ukoll il-*balance sheet* tax-xahar ta' Settembru, li kienet ġiet finalizzata mill-accountant tal-Kunsill proprju dakinhar filgħodu.

27.19.3. Il-Kunsill innota li kompla sar titjib fil-qagħda finanzjarja tiegħu matul kull xahar, u issa l-iżbilanċ finanzjarju naqas għal (1.7%).

27.19.3.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill approva unanimament il-*balance sheets* preżentati.

## 27.20 Materji Oħra

27.20.1. Il-Kunsillier SZ tkellem dwar il-proposta ta' Tismija ta' Toroq li l-Kunsill ressaq reċentement lil Kumitat tat-Tismija tat-Toroq, fejn il-Kunsill ġie mitlub jagħmel kambjament fil-proposta ta' Triq Ta' Mose, kif ukoll l-istess kumitat talab li l-Kunsill jikkunsidra ismijiet għat-toroq li ġew żviluppati riċentement fl-istess żona.

27.20.1.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jiġu proposti dawn l-ismijiet

- Il-Preżenti Trejqet Wied il-Klima tinbidel u ssir Trejqet ir-Raħħala
- Triq Ġdida fi Triq tal-Ġebel k/m Triq il-Kus issir Triq Wied tal-Klima
- L-Ewwel triq ġdida fil-proposta Triq Wied il-Klima issir Triq Ta Mose
- It-tieni triq ġdida fil-proposta Triq Wied il-Klima issir Triq Dun Karm Bugelli

27.20.2. Il-Kunsillier SZ ppropona ukoll li sqaq bla isem, f'Bengħajsa, jingħata l-isem ta' Sqaq ta Kanon. Il-Kunsill qabel.

27.20.3. Is-Sindku informa li kif ġie ikkommunikat qabel, saru l-intervisti tal-kandidati taħt l-iskema CIES3.

27.20.3.1. Is-Sindku informa li ż-żewġ kandidati għandhom potenzjal u għandhom karatteristiċi differenti għal xogħol differenti.

27.20.3.2. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jipproponi l-għażla tas-Sur Patrick Bugeja, minħabba li huwa iktar addattat għal xogħol ta' manutenzjoni.

27.20.3.3. Il-Kunsill qabel ukoll, li f'każ li jingħata l-opportunita' li jimpjega żewġ persuni, isejjaħ lil-kandidata l-oħra għal xogħol ta' *cleaner*.

27.20.4. Il-Kunsillier SZ tkellem dwar il-laqgħa tar-Reġjun Nofsinhar, li għaliha ġie mogħti d-delega mingħand is-Sindku sabiex jattendi.

27.20.4.1. Huwa informa li r-Reġjun ser jippreżenta memento t'apprezzament lil ex-Sindku Kevin Barun fil-laqgħa li jmiss.

27.20.4.2. Huwa informa dwar il-proċess li l-Kunsill jista' jaddotta fejn jidħlu filmati ta kameras tas-sigurtà.

27.20.4.3. Huwa informa wkoll dwar il-possibbiltà li l-Kunsill jipproponi post fejn titwaħħal kamera tas-sigurtà a spejjeż tar-Reġjun. Il-Kunsill huwa mitlub li f'dan il-każ iressaq *impact assessment* li tissostanzja t-talba. Il-Kunsill qabel li jibda l-proċess sabiex jipproponi kamera għal Misraħ is-Summit.

## 27.21 Aġġornament tal-laqgħa

27.21.1. Il-laqgħa intemmet fit-8.30 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-Tnejn 14 ta' Novembru 2016 fil-5.30pm, bir-riserva tal-Kunsillier HS li talab li l-laqgħa ssir qabel kif ippropona fil-bidu tal-laqgħa.

Konfermati, illum it-Tnejn, 14 ta' Novembru 2016.

| | |
|---|---|
| [Iffirmat] | [Iffirmat] |
| Joseph Cutajar<br>Sindku | Svetlick Flores<br>Segretarju Eżekuttiv |